A.L. 12 ta' l-1987

ATT TA' L-1987 DWAR BEJJIEGĦA BIEB B'BIEB
(ATT NRU. VII TA' L-1987)

Regolamenti ta' l-1987 dwar Bejjiegħa Bieb b'Bieb
(Drittijiet għal Liċenza)

BIS-SAĦĦA mogħtija bl-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1987 dwar Bejjiegħa Bieb b'Bieb, il-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku, bi ftehim mad-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1987 dwar Bejjiegħa Bieb b'Bieb (Drittijiet għal Liċenza) u għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Marzu, 1987.

Drittijiet.

2. Għandu jintalab mid-Direttur tal-Kummerċ, għall-ħruġ jew tiġdid ta' liċenza sabiex wieħed ikun jista' jagħmilha ta' Bejjiegħ Bieb b'Bieb, dritt ta' Lm20.